13 ta' Ottubru, 1948.

Imħallef :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Gaetano Abdilla *versus* Benjamino Barbara

**Pagament — Domiċilju tal-Kreditur — Art. 866 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*Meta d-dejn huwa tal-kummerċ il-kreditur għandu d-dritt jeżiġi li d-debitur imur iħallas dak id-dejn fil-lok fejn hija s-sede kummerċjali tal-kreditur. Imma fil-każ ta' ħlas ta' kera, li ma huwa dejn tal-kummerċ, il-kreditur ma jistax għall-kumdità tiegħu jobliga lid-debitur li jmur iħallas f'lok li jkun għalih skomodu; u għalhekk, meta d-debitur jagħmel dak il-ħlas fid-domiċilju tal-kreditur, il-pagament ma jistax jiġi rifjutat mill-kreditur.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza tagħha tat-22 ta' Settembru 1948, fejn hemm rikapitolati t-talba u s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, u fejn il-kontumaċja ġiet dikjarata li hija ġustifikata, u l-ispejjeż ta' dik is-sentenza ġew riżervati;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjoni kollha tirriduċi ruħha għall-fatt jekk l-appellant, bħala inkwilin, kienx ottempera għad-dover tiegħu meta huwa mar iħallas il-kera fid-dar ta' l-appellat, u dan ma riedx jirċevih peress illi huwa inkarika lit-tifla tiegħu biex iddaħħal il-kerjiet tiegħu, u din tkun fil-ħanut tiegħu Old Bakery Street, Valletta;

Il-liġi espressament tgħid illi meta l-oġġett tal-ħlas ikun somma ta' flus, allura l-pagament għandu jsir fid-dar tal-kreditur. Il-fondament ta' din id-dispożizzjoni qiegħed kollu fuq il-kumdità tal-kreditur, illi meta ċjoè l-kreditur u d-debitur ikunu qegħdin fl-istess Gżira, allura huwa d-debitur li għandu jmur fid-dar tal-kreditur;

B'din l-espressjoni l-liġi trid tissinifika l-post tar-residenza tal-kreditur. F'dan il-każ id-debitur osserva din il-liġi u ħa l-flus fid-dar tal-kreditur;

Tikkunsidra;

Illi l-kreditur irrifjuta li jirċievi l-kera peress illi ried jirċevih fil-ħanut tiegħu ta' Old Bakery Street, il-Belt Valletta, fejn iżomm il-kotba u hemm tkun it-tifla tiegħu. Kieku dak

id-dejn kien dejn tal-kummerċ, allura l-kreditur kien ikollu d-dritt kollu jagħmel hekk, għaliex dik hija s-sede tal-kummerċ tiegħu; iżda dan huwa ħlas ta' kera, u għalhekk dejn li ma għandux x'jaqsam mal-kummerċ. Kieku kien hemm prokuratur regolari, forsi tista' tiġi l-kwistjoni illi anki dak id-debitur għandu jmur isib il-prokuratur fis-sedi tiegħu; iżda f'dan il-każ il-kumdità biss tal-kreditur ma hijiex biżżejjed biex dik id-dispożizzjoni tal-liġi (art. 866 ta' l-Ord. VII ta' l-1868) tista' tiġi mqiegħda da parti. Kieku tant id-debitur kemm il-kreditur joqgħodu fl-istess post. fis-sens illi l-ħanut tal-kreditur kien fl-istess post fejn joqgħod id-debitur, allura forsi d-debitur jista' jiġi obligat imur isib il-kreditur tiegħu fil-ħanut, għax ma jkun hemm l-ebda skumdità ta' xejn; imma f'dan il-każ, kif xehed l-istess appellant, huwa skomodu għalih biex imur il-Belt, u allura f'dan il-każ, skond id-dottrina prevalenti f'każ analogu, id-debitur ma jistax jiġi obligat imur il-Belt meta hemm dispożizzjoni hekk ċara tal-liġi;

Illi mbagħad l-appellat ilu jħallas snin il-kera, u dejjem ħallas fid-dar tal-kreditur Ħal Tarxien;

Illi hemm depożitu tal-kera tat-3 ta' Lulju 1948, kif jirriżulta mill-verbal fol. 4, li jservi ta' pagament;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi t-talba ta' l-attur, u tordna illi l-ispejjeż tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Settembru 1948 jitħallsu mill-appellant; spejjeż oħra. dawk ta' l-ewwel istanza jitħallsu minn għand l-attur appellat, u dawk ta' din l-istanza ma jkunux taxxati bejn il-partijiet; u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti.